MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 70/2002/1

**Skan Service Station Limited**

**vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba mija u disa' u tmenin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm1,789.68) rappresentanti din is-somma prezz ta' merca lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjata, kif jirrizutla mill-statement anness mal-avviz u mmarkat Dok A. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 103/02 u l-imghax mid-data tal-konsenji u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tallum stess kif ukoll id-dokument anness mal-atti a fol 2.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-15 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1789.68,0 bl-imghax legali mid-data tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 103/02  sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess mandat imsemmi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------